**6 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Paul Vella *et*

*versus*

Anthony Magro

**Ċitazzjoni - Nullita ta' Kawżali - *Liberatio ad Observantia Judicii* - Korrezzjoni - Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex it-talba kif proposta ma setgħetx tirnexxi. Ċaħdet ukoll it-talba għal korrezzjoni għaliex, għalkemm l-artikolu 175 jagħti poteri vasti, din il-korrezzjoni kieku ingħatat kienet tibdel is-sustanza ta' l-azzjoni u l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Marzu, 1997 li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi favur tagħhom jeżisti kreditu kontra l-konvenut u dana fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar ta' prezz ta' bejgħ ta' *Minibus* Y-2219 u llum HMY-219 (minħabba li nbidlu l-pjanċi); illi dan il-kreditu huwa ċert likwidu u skadut u ma jeżistu l-ebda eċezzjonijiet la fil-fatt u lanqas fil-liġi li jista' jissolleva l-konvenut; illi mingħajr raġunijiet validi fil-liġi ma ġiex effettwat il-pagament dovut mill-konvenut lill-atturi u għalhekk għad hemm debitu mhux imħallas; talbu li din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut, u dana bid-dispensa tas-smigħ, a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għal pagament lill-atturi fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar ta' prezz ta' bejgħ ta' *minibus* Y-2219 u llum HMY-219 (minħabba li inbidlu l-pjanċi) liema kreditu huwa ċert, likwidu u skadut;

Bl-ispejjeż, bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-29 ta' Settembru, 1995 u bl-inġunzjoni ta' l-istess konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda, u l-affidavit ta' l-atturi;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 1997 meta l-konvenut ingħata l-fakoltà li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet;

Rat in-nota tal-konvenut ippreżentata fid-19 ta' Mejju, 1997 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-eċċipjent qatt ma akkwista b'titolu ta' vendita l-*minibus* Y-

2219;

Illi fi kwalsiasi każ l-ammont pretiż mill-atturi huwa esaġerat;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Lulju, 1997 meta l-atturi, in vista ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, talbu korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u kull fejn jirrikorri, billi wara l-kliem "prezz tal-bejgħ" fl-ewwel premessa kif ukoll fit-talba, jiżdiedu l-kliem "tal-permess";

Rat id-dokument esebit u n-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Ittrattat l-inċident;

Ikkunsidrat:

Illi fil-proċeduri odjerni l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' Lm6,000 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' *minibus*. Il-konvenut iżda qed jeċċpixxi l-infondatezza tat-talba inkwantu huwa qatt ma xtara tali *minibus*. Infatti minn kopja ta' skrittura ddatata 29 ta' Settembru, 1995 redatta min-Nutar Dr. Carmel Mangion, jirriżulta li l-eċċezzjoni tal-konvenut hija ġustifikata inkwantu n-negozju ta' bejn il-kontendenti ma kienx jikkonċerna bejgħ ta' *minibus*, iżda ċessjoni ta' permess ta' l-istess *minibus*, inkluż ix-xogħol kollu marbut ma' l-istess;

Għalhekk, in vista ta' dan, l-atturi talbu li ċ-ċitzzjoni tiġi korretta billi jiżdiedu l-kliem "tal-permess" wara l-kliem "prezz

tal-bejgħ" biex b'hekk l-att jiġi konformi man-negozju li seħħ bejn il-kontendenti. Din it-talba qed tiġi reżistita mill-kontroparti, inkwantu, qed isostni l-konvenut, il-kawżali taċ-ċitazzjoni li hija l-bażi tad-domanda ma tistax tinbidel. Il-konvenut, in sostenn ta' din l-oġġezzjoni, għamel referenza għall-artikolu 156 tal-Kap. 12 li jipprovdi li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha "tifsir ċar u sewwa tar-raġuni tat-talba" u għamel ukoll referenza għal diversi pronunzjamenti tal-Qrati tagħna fejn ġie ribadit il-prinċipju li "il-kawżali tad-domanda hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni u ma tistax tiġi mibdula" (**J. Difesa** ***et noe*** ***vs*** **Av. Dr. Joseph Cassar** ***et noe et dec.,*** 21/1/64). Naturalment, l-effett ta' l-akkoljiment ta' l-oġġezzjoni tal-konvenut iġġib in-nullità taċ-ċitazzjoni u konsegwentement il-liberazzjoni *ab observanza* tal-konvenut;

L-atturi qed jibbażaw it-talba tagħhom ai termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 175 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu li hu intiż sabiex jissalvagwarda l-validità ta' proċeduri u jevita dupliċità ta' kawżi, jagħti l-fakoltà lill-Qorti li, f'kull stadju tal-proċeduri, tordna s-sotituzzjoni jew korrezzjoni ta' xi skrittura billi jiżdied jew jitneħħa xi isem, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża" (sottolinear tal-Qorti);

Minn dan l-artikolu l-Qorti *tifhem li l-fakoltà mogħtija* lilha hija vasta u limitata biss b'konsiderazzjonijiet ta' sustanza u ċjoè li b'tali tibdil l-azzjoni ma tiġix żnaturata minn kif oriġinarjament proposta u *ukoll li tali tibdil ma jeffettwax l-*eċċezzjonijiet fuq il-meritu;

Issa l-atturi qed isostnu li, ġaladarba l-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li jiġu kanonizzati kredituri tal-konvenut

f'ammont ċert, likwidu u dovut, u li l-kreditu jitwieled min-negozju li kien hemm bejnhom u l-konvenut fuq *minibus*, il-kawża hija unika u ċjoè l-kanonizzazzjoni tal-kreditu. Għalhekk is-sustanza ta' l-azzjoni u ta' l-eċċezzjoni mhux qed tiġi alterata bit-tibdil rikjest;

Din il-Qorti, iżda, ma tistax takkolji t-talba, inkwantu l-kawżali fiċ-ċitazzjoni mhix bejgħ ta' *minibus*, iżda ċessjoni ta' drittijiet fuq permess. Il-kawżali mhux il-kreditu, kif qed jiġi suġġerit mill-atturi, iżda r-raġuni ta' dak il-kreditu u għalhekk jekk il-Qorti tilqa' t-talba kif magħmula ċertament tintlaqat b'mod avvers l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li hu qatt ma akkwista b'titolu ta' vendita l-*minibus*;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tiċħad it-talba u billi jirriżulta ampjament li t-talba kif proposta ma tistax tirnexxi tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.